**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 154**
**L-Erbgħa, 11 ta' Ottubru, 2023 fl-4:00 p.m.**

**COTTONERA SPORTS COMPLEX - INDOOR POOL - DEWMIEN**

**11335. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-proġett tal-indoor pool fil-Cottonera Sports Complex li huwa stess qal li kien se jitlesta sa Diċembru tal-2020, tlesta kważi tliet snin tard?

07/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ewwel tender li ġie ppublikat kien ikkanċellat peress li l-ebda offerta ma kienet technically compliant. Saru wkoll xi diskussjonijiet interni li jikkonċernaw il-proċess ta' xiri pubbliku għal dan il-proġett.

Seduta 154
11/10/2023

**COTTONERA SPORTS COMPLEX - INDOOR POOL - BAĠIT**

**11336. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex l-ispiża tal-indoor pool fil-Cottonera Sports Complex żdiedet għal €14-il miljun, mit-€8 miljun li kien ġie budgeted, kif kien intqal fl-istqarrija (PR190472) tas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat, tas-07 ta' Marzu 2019, fiż-żmien fejn hu stess kien is-Segretarju Parlamentari?

07/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11335. Saru wkoll r-reviżjonijiet neċessarji skont il-prezzijiet tas-suq u għalkemm l-irħas offerta kienet għola mill-istima, din ġiet aċċettata mill-GCC wara li ngħatat ġustifikazzjoni mill-perit u kif ukoll għax ma nqabiżx il-persentaġġ aċċettabli mill-Public Procrurement Regulations.

Seduta 154
11/10/2023

**YOUTH.INC OFFRUT MILL-AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ**

**11510. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' żgħażagħ li se jkunu qed jattendu l-programm Youth.inc offrut mill-Aġenzija Żgħażagħ f'din is-sena skolastika?

26/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox ser ikun hemm 61 żgħażugħ/a jattendu għall-dan il-programm.

Seduta 154
11/10/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – SEGRETJARU PARLAMENTARI GĦALL-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DEFIBRILLATOR**

**9888. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9887.

Seduta 154
11/10/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - DEFIBRILLATORS**

**9889. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed inpoġġi t-tweġiba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 154
11/10/2023

**MINISERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - DEFIBRILLATORS**

**9890. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lil Onor. Interpellant li fil-Ministeru hemm installat 17-il defibrillator, 13 qegħdin ġo entitajiet u erbgħa qegħdin ġo dipartimenti differenti hekk kif mniżżel fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 154
11/10/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - DEFIBRILLATORS**

**9891. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi fejn hemm defibrillator huma San Vinċenz de Paule, Anzjanità Attiva u Kura fil-Kommunità u l-Awtorità tal-Mediċina.

Seduta 154
11/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - RWOL TA' INDIVIDWU**

**9951. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari jgħid jekk l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, huwiex membru fuq bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru/Segretarju Parlamentari? Jekk iva, liema hu l-bord, x'inhu r-rwol ta' dan l-individwu, x'inhuma l-kwalifiki li għandu biex ikun fuq il-bord imsemmi u kemm qed jitħallas fis-sena biex ikun fuq dan il-bord?

08/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li l-individwu li għalih qed issir referenza mhuwa fuq l-ebda bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tas-Segretarjat Parlamentari, kif ukoll dak Ministerjali.

Seduta 154
11/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - KUNTRATTI MOGĦTIJA**

**9952. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari jagħti l-lista ta' kuntratti, direct orders, kummissjonijiet u/jew ingaġġi oħra mogħtija mill-Ministeru tiegħu mis-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata ta' meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Għal kull każ jista' jagħti:
a.id-data meta' ngħata;
b.l-iscope of supply u/jew ix-xogħol u/jew il-provista li jkopri;
ċ.il-valur tiegħu;
d.it-termini li fih iridu jsiru x-xogħlijiet;
e.il-metodu ta' proċedura ta' xiri li ntuża; u
f.x'kariga kellu l-uffiċjal pubbliku li awtorizza x-xiri?

08/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Filwaqt li ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations, biex tinġabar il-bqija tal-informazzjoni kif mitluba jinqabeż l-Advisory Cost Limit kif stabbilit minn rulings diġà mogħtija preċedentement.

Seduta 154
11/10/2023

**CCF – RWOL TA' KUMMISSARJU**

**10769. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'sar mir-rwol ta' Kummissarju ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (CCF)? Jista' jgħid jekk għadux vakanti?

03/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninfurmak illi permezz ta' komunikat tad-dipartiment tal-informazzjoni datata tmienja ta' Lulju ta' din is-sena, tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, kien komunikat li s-Sur Steve Libreri ġie maħtur bħala Kummissarju għall-Ħarsien u l-Iżvilupp tal-Priġunieri. Dan wara riforma mportanti, minn dan il-Gvern, sabiex tkompli tassisti fl-għajnuna u rijabilitazzjoni ta' persuni li qed iservu sentenza ta' priġunerija.

Seduta 154
11/10/2023

**CCF – RWOL TA' KUMMISSARJU**

**10770. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li tinħareġ sejħa pubblika biex jimtela r-rwol ta' Kummissarju ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (CCF) b'mod ġust u trasparenti?

03/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferri lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistqosija parlamentari 10769.

Seduta 154
11/10/2023

**PSIKOTERAPISTI, TERAPISTI TAL-FAMILJA U COUNSELLORS - WARRANT**

**10842. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10278 u jgħid kemm persuni ngħataw il-warrant bħala psikoterapisti, terapisti tal-familja u counsellors li digà kellhom degree u warrant ta' social worker fl-2022?

05/07/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor Interpellanta li fl-2022 ingħataw:
- 8 warrants fil-professjoni tal-Counselling; u
- 40 warrant fil-professjoni tal-Psikoterpaija

Inżid ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-warrants fil-qasam tal-counselling u l-psikoterapija joħorġu mil-liġijiet rispettivi. Il-bordijiet rispettivi ma jżommux informazzjoni dwar kwalifiċi anċillari lil hinn minn dawk rikjesti u elenkati fil-liġijiet rispettivi tagħhom.

Seduta 154
11/10/2023

**PSIKOTERAPISTI, TERAPISTI TAL-FAMILJA U COUNSELLORS - WARRANT**

**10843. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10277 u jgħid kemm persuni ngħataw il-warrant bħala psikoterapisti, terapisti tal-familja u counsellors li digà kellhom degree u warrant ta' social worker fl-2021?

05/07/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor Interpellanta li fl-2021 ingħataw:
- 8 warrants fil-professjoni tal-Counselling; u
- 10 warrants fil-professjoni tal-Psikoterpaija.

Inżid ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-kriterji tal-eliġibbiltà għall-warrants fil-qasam tal-counselling u l-psikoterapija joħorġu mil-liġijiet rispettivi. Il-bordijiet rispettivi ma jżommux informazzjoni dwar kwalifiċi anċillari lil hinn minn dawk rikjesti u elenkati fil-liġijiet rispettivi tagħhom.

Seduta 154
11/10/2023

**PSIKOTERAPISTI, TERAPISTI TAL-FAMILJA U COUNSELLORS - WARRANT**

**10844. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10276 u jgħid kemm persuni ngħataw il-warrant bħala psikoterapisti, terapisti tal-familja u counsellors li digà kellhom degree u warrant ta' social worker fl-2020?

05/07/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fl-2020 ingħataw:
- 29 full or temporary warrants u 10 restricted warrants – total ta 39 warrant fil-professjoni tal-Counselling; u
- 47 warrant fil-professjoni tal-Psikoterpaija.

Inżid ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-kriterji tal-eliġibbiltà għall-warrants fil-qasam tal-counselling u l-psikoterapija joħorġu mil-liġijiet rispettivi. Il-bordijiet rispettivi ma jżommux informazzjoni dwar kwalifiċi anċillari lil hinn minn dawk rikjesti u elenkati fil-liġijiet rispettivi tagħhom.

Seduta 154
11/10/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - POLITIKA DWAR IS-SAĦĦA MENTALI**

**10855. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-Ministeru għas-Saħħa għandux politika għas-saħħa mentali biex is-saħħa mentali tiġi integrata fit-tfassil ta' kull politika mill-istess Ministeru? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-pjan li titfassal u tiġi adottata din il-politika (mental health policy)?

05/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi matul il-Mental Health Strategy 2020 -2030 il-kelliem tal-Oppożizzjoni għall-kura tas-Saħħa Mentali kien ipparteċipa fit-tfassil ta' dan id-dokument.

Seduta 154
11/10/2023

**IL-BELT VALLETTA – TRIQ SAN ĠWANN – TISWIJIET TAĊ-ĊANGATURA**

**11141. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 7954 u 9172, jista' l-Ministru jgħid jekk Triq San Ġwann fil-Belt, fil-parti bejn Triq ir-Repubblika u Strada Stretta hiex se tiġi rranġata malajr kemm jista' jkun?

27/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejt il-każ lill-entitajiet kkonċernati biex issir evalwazzjoni ta' x'hemm bżonn isir u jiġi ppreparat intervent neċessarju.

Seduta 154
11/10/2023

**ĦAL TARXIEN – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAD-DAWL**

**11142. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba kien hemm qtugħ fil-provvista tad-dawl f'Ħal Tarxien jew parti minnu tul din is-sena sal-aħħar ta' Settembru 2023 u x'kien il-kaġun ta' dan?

27/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**IL-FGURA – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAD-DAWL**

**11143. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba kien hemm qtugħ fil-provvista tad-dawl fil-Fgura jew parti minnu tul din is-sena sal-aħħar ta' Settembru 2023 u x'kien il-kaġun ta' dan?

27/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**ĦAL GĦAXAQ – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAD-DAWL**

**11144. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba kien hemm qtugħ fil-provvista tad-dawl f'Ħal Għaxaq jew parti minnu tul din is-sena sal-aħħar ta' Settembru 2023 u x'kien il-kaġun ta' dan?

27/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**IL-BELT VALLETTA – TRIQ SAN ĠWANN – TISWIJIET TAĊ-ĊANGATURA**

**11145. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 7954 u 9172, jista' l-Ministru jgħid jekk Triq San Ġwann fil-Belt, fil-parti bejn Triq ir-Repubblika u Strada Stretta hiex se tiġi rranġata malajr kemm jista' jkun?

27/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 11141.

Seduta 154
11/10/2023

**MARSAXLOKK – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAD-DAWL**

**11146. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża:
Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba kien hemm qtugħ fil-provvista tad-dawl f'Marsaxlokk jew parti minnu tul din is-sena sal-aħħar ta' Settembru 2023 u x'kien il-kaġun ta' dan?

27/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – ĊERTIFIKAZZJONI TA' LIFTIJIET**

**11228. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm jirrikjedi żmien biex lift ikun iċċertifikat li lest u konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tat-tender u r-regolamenti tal-liftijiet, biex b'hekk ikun placed into service? Jista' jgħid kemm-il blokka qiegħda tistenna dan iċ-ċertifikat sabiex il-lift jibda jintuża?

22/08/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, kif ix-xogħlijiet tal-installazzjoni tal-lift kif ukoll il-finishes relatati jkunu lesti, il-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-KAVK (Korp Awtorizzat għall-Valutazzjoni ta' Konformità) jieħu madwar xahar. Hemm 3 lifts fl-istadju biex tinkiseb iċ-ċertifikazzjoni.

Seduta 154
11/10/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR - FAMILJI JGĦIXU F'POSTIJIET DILAPIDATI**

**11229. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'politika qed juża għal familji li qegħdin jgħixu f'postijiet dilapidati (sub-standard) sabiex jieħdu post alternattiv?

22/08/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-każijiet ta' dawk l-applikanti li jifformaw parti mill-kategorija li jgħixu f'postijiet dilapidati, jitqiesu ta' prijorità mill-bord tal-allokazzjonijiet.Inżid ukollli mill-1 ta' Jannar 2019 sal-5 t'Ottubru 2023, l-Awtorità allokat 61 proprjetà lil dawk l-applikanti li kienu qed jgħixu f'postijiet dilapidati.

Seduta 154
11/10/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR - ALLOKAZZJONI TA' POSTIJIET ALTERNATTIVI**

**11230. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il-familja/persuni li kienu jgħixu f'post dilapidat ingħataw post alternattiv minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jekk iva, f'liema lokalitajiet jinsabu dawn il-proprjetajiet?

22/08/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn April 2022 sal-5 t'Ottubru 2023, l-Awtorità tad-Djar allokat 12-il proprjetà lill-persuni/familji li kienu jgħixu f'post dilapidat f'diversi lokalitajiet fosthom il-Birgu, Bormla, Mellieħa, Pietà, Rabat Għawdex, San Pawl il-Baħar, Valletta, Xgħajra u Ħaż Żebbuġ.

Seduta 154
11/10/2023

**SUSSIDJU TAL-KERA**

**11231. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna qiegħda tieħu s-sussidju tal-kera fil-preżent?

22/08/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Awtorità tad-Djar għandha 3,350 benefiċjarju li qegħdin jirċievu s-sussidju fuq il-kera tagħhom waqt li għandha ukoll 869 benefiċjarju ieħor li qegħdin jirċievu s-sussidju fuq il-kera awmentata wara rikors fil-Qorti u li kienet daħlet fis-seħħ qabel 1995.
It-total tal-investiment fuq l-iskemi tas-sussidju ammontaw għal €9,903,638,67, skont it-tabella t'hawn taħt indikata:

| |
|---|
| HBS: €6,770,588.61 |
| PRS: €279,797.71 |
| RSS: €64,819.07 |
| SKP: €2,788,433.28 |

Seduta 154
11/10/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – PERSUNI B'DIŻABILITÀ LI HUMA INDIPENDENTI**

**11232. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni b'diżabilità li huma indipendenti u li joqogħdu weħidhom u kemm hemm li joqgħodu f'shared apartments li jaqgħu taħt l-Awtorità tad-Djar? Jista' jgħid kemm minn dawn għandhom diżabilità fiżika, intellettwali jew mentali?

22/08/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar taħdem id f'id mal-Aġenzija Sapport f'każijiet fejn jidħlu persuni b'diżabilità. L-Awtorità tad-Djar ma żżommx statistika ta' kemm hemm persuni b'diżabilità u li jgħixu fi proprjetà tal-Awtorità tad-Djar.

Seduta 154
11/10/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – INGAĠĠ TA' PROFESSJONIST**

**11233. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4227 li ngħatat fl-24 ta' Jannar 2023, jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex ingaġġat professjonist ieħor mal-Awtorità tad-Djar?

22/08/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li iva ġie ingaġġat professjonist ieħor fil-qasam tas-Social Workers mal-Awtorità tad-Djar.

Seduta 154
11/10/2023

**MCAA - KODIĊI TA' KONDOTTA**

**11428. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tipprovdi kopja tal-kodiċi ta' kondotta li tirregola kunflitti ta' interess fir-rigward tal-uffiċċju għal kompetizzjoni fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) u dan in konformi mad-Direttiva (UE) 2019/1?

22/09/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Kodiċi ta' Kondotta li jirregola kunflitti ta' interess fir-rigward tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni u li huwa riferut fi premessa 21 tad-Direttiva (UE) 2019/1 huwa l-istess kodiċi ta' Etika li jinsab fil-Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri, fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, li japplika għall-impjegati pubbliċi.
Illi dan ukoll skont l-artikolu 46(1) tal-Kap. 510 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, li jistipula illi "Uffiċjali u impjegati tal-Awtorità għandhom jimxu ma' kull Kodiċi tal-Etika applikabbli għall-impjegati pubbliċi u għandu jkollhom, bla ħsara għal kull liġi kuntrarja, l-istess obbligi taħtu".
Illi ssir referenza ukoll għall-artikoli 13A(a)(iii), 45, 46(2) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur liema dispożizzjonijiet jirregolaw sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess.

Seduta 154
11/10/2023

**UFFIĊĊJU GĦAL KOMPETIZZJONI - INVESTIGAZZJONIJIET**

**11429. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm attwalment l-Uffiċċju għal Kompetizzjoni qed jinvestiga każijiet dwar allegat ksur tal-artikoli 5 u/jew 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kap. 379? Tista' tgħid ukoll, f'kull każ, fir-rigward ta' liema qasam qed isiru l-investigazzjonijiet, u l-istatus ta' kull investigazzjoni?

22/09/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni għandu għaxar investigazzjonijiet pendenti dwar allegat ksur tal-artikoli 5 u/jew 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kap. 379.
L-investigazzjonijiet jikkonċernaw is-segwenti oqsma: Intrattiment, Enerġija, Telekomunikazzjoni, Saħħa, Annimali, Marittimu.

Nixtieq niċċara li din l-informazzjoni qed teskludi dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-Uffiċċju jibgħat diversi talbiet għall-informazzjoni b'mod informali fejn l-intrapriżi jwieġbu fuq bażi volontarja u jagħmel diversi laqgħat mhux f'kuntest ta' investigazzjoni formali sabiex jivvaluta jekk hemmx lok sabiex tinfetaħ investigazzjoni jew sabiex jieħu xi azzjoni oħra.

L-istadju tal-investigazzjonijiet quddiem l-Uffiċċju jvarjaw. Pereżempju hemm investigazzjonijiet li jkunu għadhom fi stadju inizjali tal-ġbir tal-informazzjoni, oħrajn fejn progressaw iktar u l-Uffiċċju jkun qiegħed jistenna għall-informazzjoni ulterjuri qabel ma jiddetermina l-pass li jmiss, oħrajn fejn ikunu waslu fi stadju avvanzat fejn l-Uffiċċju jkun beda jabbozza r-riżultanzi proviżorji tiegħu. Hemm investigazzjonijiet oħra li jkunu fi stadju aktar avvanzat fejn l-Uffiċċju jkun ħareġ riżultanzi proviżorji u jkun qiegħed jeżamina r-risposti riċevuti.

Seduta 154
11/10/2023

**MCAA - LISTA TA' DEĊIŻJONIJIET REGOLATORJI**

**11430. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-deċiżjonijiet regolatorji maħruġa mid-Direttur Ġenerali għal Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), fejn telenka fir-rigward ta' liema settur inħarġet id-deċiżjoni, mill-2016 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari maqsuma sena b'sena? Tista' tgħid ukoll f'kull istanza, jekk id-deċiżjoni ġietx ikkontestata u x'kien l-eżitu finali?

22/09/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2018 inħarġu żewġ deċiżjonijiet amministrattivi: waħda fir-rigward ta' operatur ta' online dating website li ġiet appellata, fejn waqt l-appell l-operatur istitwixxa kawża kostituzzjonali li ġiet akkolta mill-Qorti u għalhekk ċeda l-imsemmi appell peress li l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat id-deċiżjoni amministrattiva bħala nulla peress li tilledi d-drittijiet fondamentali tal-operatur li jinsabu fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u oħra fir-rigward ta' operatur tal-komunikazzjonijiet li minnha ma sarx appell.
Fl-2019 inħarġet deċiżjoni amministrattiva fir-rigward ta' operatur tal-komunikazzjonijiet li minnha ma sarx appell.
Sussegwentement il-liġi ġiet emendata permezz tal-Att XVI tal-2019 sabiex tkun il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) li toħroġ deċiżjonijiet u mhux id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur).

Seduta 154
11/10/2023

**ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI (KAP. 427) - IRTITAR TA' PRODOTTI**

**11431. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid fl-ambitu tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, Kap. 427, kemm il-prodott ġie irtirat mis-suq u għaliex, għax mhux konformi man-normi tal-istess Kap 427 u/jew mar-regolamenti magħmula skont dik il-liġi mill-2016 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Tista' tgħid ukoll f'kull każ, x'kien il-prodott u x'passi regolatorji ttieħdu apparti l-irtirar tal-prodott mis-suq?

22/09/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn l-2016 u l-aħħar ta' Settembru 2023 ġew irtirati 678-il prodott minn fuq is-suq wara l-intervent tal-MCCAA, maqsuma sena b'sena skont it-tip ta' prodott kif indikat fid-dokument li qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea, Membri Stati oħrajn u l-awtoritajiet ikkonċernati ġew innotifikati bil-miżuri regolatorji meħuda bl-għan li tiġi pprevenuta l-introduzzjoni mill-ġdid ta' dawn il-prodotti fis-suq Ewropew.

Seduta 154
11/10/2023

**MARSALFORN, GĦAWDEX - ĠNIEN IT-TLIET GĦOLJIET - XOGĦLIJIET**

**11438. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid f’liema xahar u sena huwa ppjanat li Ġnien it-Tliet Għoljiet f’Marsalforn, Għawdex, li jaqa’ taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Ministeru għal Għawdex, se jiġi rranġat u meta se ssir il-manutenzjoni meħtieġa peress li l-playing field tinsab fi stat ħażin ħafna u hija ta' periklu kbir għal min jiffrekwentaha? Jista’ jgħid jekk tħejjewx is-sejħiet għal offerti u jekk ġewx ippubblikati? Jista’ jgħid ukoll preżentement kemm hemm ħaddiema jaħdmu f'dan il-ġnien u x'tip ta’ xogħlijiet għamlu jew qed jagħmlu?

25/09/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa qed jitħejjew is-sejħiet għall-offerti. Il-pjan huwa li x-xogħlijiet jitwettqu matul is-sena d-dieħla. Il-ħaddiema li hemm jagħmlu xogħol ta’ ġardinaġġ u tindif taħt it-tmexxija ta’ supervisor.

Seduta 154
11/10/2023

**XAGĦRA, GĦAWDEX - ĊENTRU ĊIVIKU - XOGĦLIJIET**

**11439. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar il-proġett tal-bini mill-ġdid taċ-Ċentru Ċiviku ġewwa x-Xagħra, Għawdex, liema proġett kien tħabbar sentejn ilu? Jista' jgħid ukoll meta huma ppjanati li jibdew ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett u meta hu mistenni li jkun lest?

25/09/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f’Ottubru 2021, il-Ministeru għal Għawdex iffirma kuntratt mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex il-Kunsill ikun jista' jwettaq il-proġett tat-twaqqif ta’ Ċentru Ċiviku ġdid. Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ħareġ it-tender għax-xogħlijiet fit-23 ta’ Awwissu 2022 u għalaq fit-28 ta’ Settembru 2022. Il-kuntratt ġie awarded fit-13 ta’ Marzu 2023. Infurmat li dan ix-xogħol mistenni jibda’ fil-jiem li ġejjin.

Seduta 154
11/10/2023

**SWIEQI - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11636. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalità tas-Swieqi matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**SWIEQI – ŻONA TAL-MADLIENA - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11637. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fiż-żona tal-Madliena fil-lokalità tas-Swieqi matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**TA' XBIEX - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11638. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalità ta' Ta' Xbiex matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**TAS-SLIEMA - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11639. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalità ta' Tas-Sliema matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**GŻIRA - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11640. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalità tal-Gżira matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**NAXXAR - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11641. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalità tan-Naxxar matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**MARSA - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11655. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalità tal-Marsa matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**SANTA VENERA - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11656. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalita ta' Santa Venera matul il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**PIETA' U GWARDAMANGIA - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11657. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalitajiet tal-Pieta' u Gwardamanġia matul il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 154
11/10/2023

**ĦAL QORMI – ŻONA TA' FARSINA - ILMENTI**

**11671. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Peress li kien hemm numru ta' lmenti mingħand residenti Qriema dwar l-istat ħażin fiż-żona ta' Farsina f'Ħal Qormi u l-madwar, jista' l-Ministru jgħid x'qed isir dwar ir-riħa tinten u qawwija li qed ikun hemm wara nżul ix-xemx, minħabba xi ħruq ta' materjal? Jista' jgħid ukoll x'qed isir biex jiġi identifikat jekk is-sors jistax ikun ta' periklu, u jekk hu l-każ, x'inhu jsir biex tkun protetta s-saħħa tar-residenti?

02/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li l-istess Kunsill ma rċieva l-ebda rapporti dwar irwejjaħ jintnu u qawwija fiż-żona ta' Farsina, matul is-sena 2023.

Madankollu, infurmat li l-Kunsill relattiv ser jagħmel il-verifiki tiegħu sabiex tittieħed l-azzjoni neċessarja jekk ikun il-każ.

Seduta 154
11/10/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-BONĊ - ILMENTI**

**11672. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li kien hemm numru ta' lmenti mingħand residenti Qriema dwar l-istat ħażin ta' Triq il-Bonċ, f'Ħal Qormi, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din it-triq?

02/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11674.

Seduta 154
11/10/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-BONĊ - ILMENTI**

**11673. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Peress li kien hemm numru ta' lmenti mingħand residenti Qriema dwar l-istat ħażin ta' Triq il-Bonċ, f'Ħal Qormi, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din it-triq?

02/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 154
11/10/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-BONĊ - ILMENTI**

**11674. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Peress li kien hemm numru ta' lmenti mingħand residenti Qriema dwar l-istat ħażin ta' Triq il-Bonċ, f'Ħal Qormi, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din it-triq?

02/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li t-triq imsemmija ngħatat konkos ġdid fis-sena 2018, taħt il-kuntratt bl-isem 'Upgrading (including resurfacing) of Farm Access Roads in Ħal Qormi'.

Madankollu, infurmat mill-istess Kunsill li ser isiru l-verifiki neċessarji sabiex tittieħed azzjoni jekk ikun il-każ.

Seduta 154
11/10/2023

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ - ENEMALTA - RAPPORTI TA' UNDERVOLTAGE JEW OVERVOLTAGE**

**11687. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il rapport ta' undervoltage jew overvoltage rċeviet l-Enemalta mill-1 ta' April tal-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fil-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ, indikati xahar b'xahar? Tista' tagħti aktar dettalji dwar għalfejn ħafna residenti f'Ħaż-Żebbuġ sofrew minn problemi ta' dawl kontinwament matul is-sajf, u tgħid hemmx xi pjan biex titranġa s-sitwazzjoni?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Enemalta rċeviet 126 rapport dwar vultaġġ baxx jew għoli fil-perjodu indikat – April 23, Mejju 12, Ġunju 12, Lulju 39, Awwissu 29 u Settembru 11. L-Enemalta qed tagħmel xogħol ta' rinfurzar tas-sistema tad-distribuzzjoni fuq livelli differenti, f'għadd ta' lokalitajiet madwar il-pajjiż, fosthom f'Ħaż-Żebbuġ. Permezz ta' dawn ix-xogħlijiet, li jvarjaw minn xogħol fuq il-linji tad-dawl, xogħol fuq il-cables ta' taħt l-art sa upgrades f'substations u substations ġodda, tiġi msaħħa s-sistema tad-distribuzzjoni u jiġu indirizzati problemi fil-vultaġġ.

Seduta 154
11/10/2023

**KODIĊI KRIMINALI - ARTIKOLU 604 DISKREPANZA BEJN IL-VERŻJONI MALTIJA U DIK INGLIŻA**

**11688. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10805, jista' l-Ministru jgħid meta huwa maħsub li tiġi solvuta diskrepanza li teżisti bejn il-verżjoni Maltija u dik Ingliża tal-artikolu 604 tal-Kodiċi Kriminali, u f'dan il-każ jgħid jekk l-għalliema humiex se jkunu eżentati milli jservu bħala ġurati fil-Qrati ta' pajjiżna ġaladarba l-verżjoni Maltija għandha tipprevali?

02/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi l-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10805.

Seduta 154
11/10/2023

**MOSTA - UFFIĊĊJU TAS-SERVIZZI SOĊJALI - RINOVAR**

**11689. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid meta huwa previst li jitlesta x-xogħol ta' rinovar li ilu għaddej għal numru ta' xhur fl-Uffiċċju tas-Servizzi Soċjali fil-Mosta?

02/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 154
11/10/2023

**MOSTA – UFFIĊĊJU TAS-SERVIZZI SOĊJALI – RINOVAR**

**11690. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa previst li jitlesta x-xogħol ta' rinovar li ilu għaddej għal numru ta' xhur fl-Uffiċċju tas-Servizzi Soċjali fil-Mosta?

02/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkoċernat.

Seduta 154
11/10/2023

**BINJA QLEJGĦA - ĦSARAT FIS-SOQFA TA' GARAXXIJIET**

**11691. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jispjega d-dewmien mill-Awtorità tad-Djar biex isir xogħol ta' tiswija fis-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet li jagħmlu parti minn Binja Qlejgħa? Jista' l-Ministru jgħid meta l-Awtorità rċiviet l-ewwel rapport tal-ħsarat estensivi li hemm, u jagħti rendikont tax-xogħlijiet li jeħtieġ isiru?

02/10/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 154
11/10/2023

**MOSTA – PROĠETT INFRASTRUTTURALI – DOKUMENTI U RAPPORTI TAL-HEALTH AND SAFETY**

**11692. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dokumenti u rapporti kollha tal-Health and Safety li saru b'rabta mal-proġett infrastrutturali li bħalissa qiegħed isir fiċ-ċentru tal-Mosta, kemm preliminari kif ukoll dawk li saru waqt li għaddej il-proġett?

02/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ir-rapporti tal-Health and Safety hekk kif mibgħuta lili mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali qed jiġu mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 154
11/10/2023

**GĦOTJIET BĦALA GĦAJNUNA LILL-KUMPANIJI - VALUR**

**11703. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw għotjiet bħala għajnuna finanzjarja lill-kumpaniji matul l-2022? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma kumpaniji Maltin u kemm minnhom huma barranin, maqsuma wkoll skont il-valur tal-għotjiet u l-valur totali ta' kemm minnhom ġejjin minn fondi nazzjonali u kemm minnhom minn fondi Ewropej?

02/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika għal liema għajnuna finanzjarja qed jirreferi għaliha.

Seduta 154
11/10/2023

**GĦOTJIET BĦALA GĦAJNUNA LILL-KUMPANIJI - VALUR**

**11704. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm ingħataw għotjiet bħala għajnuna finanzjarja lill-kumpaniji matul l-2022? Tista' tgħid ukoll kemm minnhom huma kumpaniji Maltin u kemm minnhom huma barranin, maqsuma wkoll skont il-valur tal-għotjiet u l-valur totali ta' kemm minnhom ġejjin minn fondi nazzjonali u kemm minnhom minn fondi Ewropej?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jispeċifika għal liema għotjiet qed jirreferi.

Seduta 154
11/10/2023

**GĦALLIEMA IMPJEGATI MAL-ISTAT FIL-LIVELL SEKONDARJU LI ĠEW REDUNDANT MATUL IS-SENA SKOLASTIKA LI GĦADDIET**

**11721. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm għalliema impjegati mal-Istat li ġew redundant mill-iskola li kienu qed jgħallmu fiha matul is-sena skolastika li għaddiet fil-livell sekondarju u jgħid liema suġġetti kienu jgħallmu?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għalliema li jiġu redundant f'dawn l-iskejjel, jiġu assenjati fi skejjel oħrajn li jeħtieġ is-servizz tagħhom. L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

| **Suġġett** | **Numru ta' Għalliema** |
|---|---|
| Ingliż | 2 |
| Etika | 1 |
| Franċiż | 1 |
| Ġografija | 1 |
| Graphical Communications | 1 |
| Storja | 1 |
| Home Economics | 2 |
| ICT | 1 |
| Xjenza | 1 |
| Taljan | 1 |
| Malti | 3 |
| Matematika | 2 |
| Fiżika | 2 |
| Spanjol | 2 |
| Woodwork | 1 |

Seduta 154
11/10/2023

**SKEJJEL PRIMARJI JEW SEKONDARJI TAL-ISTAT, F'MALTA JEW F'GĦAWDEX LI MA GĦANDHOMX ASSISTENT KAP**

**11722. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hawnx skejjel primarji jew sekondarji tal-Istat, f'Malta jew f'Għawdex li ma għandhomx lanqas Assistent Kap wieħed jew waħda?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 154
11/10/2023

**NADUR – SKOLA PRIMARJA - XOGĦLIJIET**

**11723. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka liema xogħlijiet fadal isiru fl-iskola primarja tan-Nadur biex tkun kompletament lesta u jekk hemmx time-frames biex isir dan?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskola msemmija hi waħda mill-proġetti edukattivi importanti li qed isiru fil-pajjiż, b'investiment sostanzjali maħsub biex ninvestu fl-esperjenza edukattiva tat-tfal Maltin u Għawdxin, filwaqt li noffru anke ambjent aħjar lil min jaħdem fl-iskejjel.
Fin-Nadur, minn din is-sena l-istudenti bdew is-sena skolastika f'ambjent ferm isbaħ u iktar komdu. Irrid ngħid li kienet tassew okkażjoni sabiħa li l-Prim Ministru tagħna u l-President tal-Kummissjoni Ewropea żaru l-iskola fl-aħħar ġimgħat, għax hija eżempju ta' proġett edukattiv mill-isbaħ u ambjentalment sostenibbli.
Saħansitra, kif juri d-dokument li qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra, il-President tal-Kummissjoni Ewropea iddikjarat proprju hekk: "This school is indeed brand new. The hull building, the historic building has been preserved, it has been completely renovated with funds from NextGenerationEU. And I am very glad to see that it is now highly energy efficient, it has spacious classrooms, it has a better air quality, the air condition is powered by the school's own solar panels – that is smart, you have sun in abundance, you can use it –, and we could see the new digital equipment – it was amazing to also see how modern and digitised the school is now.".

Seduta 154
11/10/2023

**AIR MALTA - KONSULENTI**

**11724. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11454 u jelenka min huma l-konsulenti kollha li għandha l-Air Malta? Jista' jgħid x'tip ta' konsulenza qed tagħti kull persuna u/jew entità li ġiet inkarigata biex tipprovdi dan is-servizz? Jista' wkoll, għal kull każ, jgħid minn meta bdiet il-konsulenza u kemm hu l-ħlas għal kull konsulenza?

03/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 154
11/10/2023

**AIR MALTA - KUNTRATT MA' KUMPANIJA**

**11725. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11455 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt li għandha l-Air Malta mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jgħid ukoll x'inhuma s-servizzi li din il-kumpanija qed tagħti lill-istess Air Malta, kemm hu l-valur ta' dan il-kuntratt u għal kemm żmien?

03/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Knighthood Global hija ditta internazzjonali ewlenija ta' konsulenza fil-qasam speċjalizzat tal-avjazzjoni.

Qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt li l-Air Malta għandha ma' din id-ditta liema kuntratt jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2023. Is-servizzi li din il-kumpanija qiegħda tagħti lill-Air Malta jinkludu pariri ta' natura finanzjarji u strateġiċi, qed jgħinu lill-management biex tiġi mplimentata l-Business Plan il-ġdida tal-linja tal-ajru l-ġdida, u qed jipprovdu persuna finanzjarja b'esperjenza fil-qasam tal-avjazzjoni f'rwol temporanju.

Seduta 154
11/10/2023

**ENVIRONMENTAL PROTECTION UNIT - ĦIDMA**

**11739. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi spjega tal-ħidma u r-rapporti li saru f'din l-aħħar sena mill-Environmental Protection Unit (EPU)?

03/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bejn il-perjodu ta' Lulju 2022 u Settembru 2023 l-Environmental Protection Unit (EPU) fi ħdan il-Korp tal-Pulizija segwit numru konsiderevoli ta' rapporti ambjentali, u anke dawk relatati ma' kaċċa u nsib illegali u saru wkoll diversi kontrolli fit-toroq għall-istess skop. L-EPU assistiet lill-entitajiet oħra governattivi, bħal ERA u WBRU, fil-ħidma tagħhom ma' doveri Ambjentali. Kollaborazzjoni ssir ukoll mad-Dipartiment tas-Sajd, dwar sajd illegali, mal-Animal Welfare, Veterinary Regulation Directorate, il-Wild Birds Regulation Unit kif ukoll diversi għaqdiet oħra. Koordinament isir ukoll mal-Forzi Armati u Transport Malta, prinċipalment waqt spezzjonijiet ta' attivitajiet fl-ibħra nazzjonali. Barra doveri msemmija, xogħol ieħor tal-EPU relatat mal-protezzjoni tal-ambjent, huwa l-infurzar fuq reati kontra l-Att dwar Żibel u Skart, rimi illegali ta' skart, pussess ta' speċi protetti, importazzjoni u esportazzjoni ta' speċi protetti, illegalitajiet relatati ma' moħqrija ta' annimali, u fejn ikun hemm lok, anke ħruġ ta' taħrikiet fuq kontravenzjonijiet tat-traffiku.

Seduta 154
11/10/2023

**LESA - BORD DIXXIPLINARI - RAPPORTI PENDENTI**

**11740. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport pendenti hemm quddiem il-Bord Dixxiplinari tal-LESA?

03/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-bord jopera skont il-ftehim kollettiv u ġew rappurtati lilu 9 każijiet.

Seduta 154
11/10/2023

**LESA - BORD DIXXIPLINARI - RAPPORTI MRESSQA QUDDIEM IL-PULIZIJA**

**11741. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm mir-rapporti li hemm pendenti quddiem il-Bord Dixxiplinari tal-LESA, sar xi rapport mal-Pulizija dwarhom?

03/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Bord ta' Dixxiplina tal-LESA jitħaddem abbażi tal-ftehim kollettiv. Infurmat li fix-xhur li għaddew kien hemm każ quddiem il-Bord tad-Dixxiplina, li wara li kien konkluż, l-Aġenzija bagħtet kopja ta' dan ir-rapport, lill-Korp tal-Pulizija.

Seduta 154
11/10/2023

**LESA - BORD DIXXIPLINARI - RAPPORTI PENDENTI**

**11742. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi n-natura tar-rapporti li hemm pendenti quddiem il-Bord Dixxiplinari tal-LESA?

03/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li n-natura tal-każijiet ivarjaw u jinkludu assenza jew abbuż mill-post tax-xogħol, Atteġġament mhux xieraq, Użu ta' apparat tal-aġenzija mhux kif suppost, Trattament preferenzjali jew Insubordinazzjoni.

Seduta 154
11/10/2023

**RAPPORTI DWAR VETTURI U DĦAĦEN FIT-TOROQ**

**11743. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport sar dwar vetturi u dħaħen fit-toroq f'din l-aħħar sena?

03/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 154
11/10/2023

**VETTURI LI QABŻU L-LIMITU TAD-DĦAĦEN**

**11744. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il vettura nstabet li taqbeż il-limitu tad-dħaħen fit-toroq tagħna f'din l-aħħar sena?

03/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bejn Ottubru 2022 u l-aħħar ta' Settembru 2023 waqt spezzjonijiet imwettqa mill-Pulizija u l-Uffiċjali tal-Komunità, inħarġu sitta u sittin (66) avviż/kontravenzjoni marbuta ma' vetturi li kienu jarmu duħħan, naqal, xrar, irmied, ġmamar jew sustanzi żejtnin, bi ksur tal-artiklu 107 tal-Liġi Sussidjarja 65.11. Din il-figura ma tinkludix kontravenzjonijiet li nħarġu fuq vetturi li kienu spezzjonati minn uffiċjali ta' Transport Malta, biex jiġi stabbilit jekk kienux qed jarmu emmissjonijiet ta' duħħan eċċessiv.

Seduta 154
11/10/2023

**PAOLA HEALTH HUB – SERVIZZ TA' KURA TA' SAĦĦA MENTALI/PSIKOLOĠIJA/PSIKOTERAPIJA**

**11782. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hux ser ikun hemm servizz ta' kura ta' saħħa mentali/psikoloġija/psikoterapija fil-Paola Health Hub?

03/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi huwa ippjanat li jiġu mneddija dawn is-servizzi miċ-Ċentru tas-Saħħa Reġjonali Ċensu Moran:

- Psikoloġija
- Saħħa mentali perinatali u tat-trabi

- Saħħa mentali tat-tfal u adoloxxenti
- Psikjatrija tal-adulti

Seduta 154
11/10/2023

**KLINIKA TA' 'FIBROMYALGIA'**

**11783. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fejn tinsab il-klinika tal-Fibromyalgia, meta tkun miftuħa u kemm iżuruha pazjenti kull sena?

03/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-klinika tal-Fibromyalgia tinsab ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana. Il-ħinijiet tal-ftuħ jalternaw bejn is-13:00 sal-17:00 u bejn is-14:00 sas-18:00. In-numru ta' pazjent li qed ibbenifikaw minn dan is-servizz mill-2020, huwa skont it-tabella hawn taħt:

| YEAR | Number of Patient Encounters |
|---|---|
| 2020 | 20 |
| 2021 | 54 |
| 2022 | 82 |
| 2023 | 75 |

Seduta 154
11/10/2023

**OPHTHALMIC CLINIC – LISTA TA' STENNIJA**

**11784. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi l-lista ta' stennija għal appuntament new case u follow-up mal-Ophthalmic Clinic fil-kura pimarja?

03/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ż-żmien ta' stennija għal appuntament għal Primary Eye Screening Ophthalmic Clinic huwa ta' ġimgħa, filwaqt dak għall-Optometrija huwa ta' xahrejn.

Seduta 154
11/10/2023

**LISTA TA' STENNIJA GĦALL-OPERAZZJONI TAL-KATARETTI**

**11785. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti jistennew l-operazzjoni tal-katarretti?

03/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 417-il pazjent jistennew din l-operazzjoni għal perjodu aktar minn dak stipulat fil-Patient Charter.

Seduta 154
11/10/2023

**MRIS U CT SCANS – LISTA TA' STENNIJA**

**11786. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi twila l-lista ta' stennija għal MRI bil-loppju u bla loppju, u CT scans? Jista' jgħid ukoll kemm hi twila f'xhur l-istennija, kemm hemm pazjenti reġistrati li qed jistennew data u li ngħataw data?

03/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi lista ta' stennija għal MRI bil-loppju hemm 246 waqt li bla loppju hemm 8941. Lista ta' stennija għal CT scans hemm 4461. L-informazzjoni teskludi scans urgenti peress li dawn jigu scanned mill-aktar fis possibli . Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi n-numru medju ta' riferti għall-MRI riċevuti fil-ġimgħa fl-isptar Mater Dei huwa ta' 895.

Seduta 154
11/10/2023

**SPTAR MATER DEI -MEDIĊINI LI KIENU OUT OF STOCK F'SETTEMBRU**

**11787. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm minn dawn il-mediċini kienu out of stock fl-Isptar Mater Dei, f'Settembru 2023, kemm damu u għaliex?
Instilagel
Hypromellose eye drops
Atrovent nebs
Doxacin PO
Doxacin 4mg
Prednisolone 5mg PO
Venlaflaxin 75mg PO
Epilim syrup
Haloperidol (antipsychotic) 5mg
Stemitil
Ciprofloxaicin antibiotic 200mg/100ml
Water for irrigation 10ml
Clindamycin antibiotic PO
Mycoril clotrimazole antifungal cream

03/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mil-lista ta' mediċini li semma hu, li kienu out of stock fl-Isptar Mater Dei f'Settembru 2023 kien hemm:

Prednisolone 5mg PO - Għamel qisu gimgħa fil-maħżen sakemm ingħata l-awtorazzazjoni mir-regulatorju.

Venlaflaxin 75mg PO – qisu gimgħatejn, għax il-kuntrattur qiegħed tard u hemm ordni urgenti. Mhuwiex out of stock mill-POYC minn fejn suppost jinghata.

Stemitil- L-injections ilhom neqsin għax hemm nuqqas globali imma qegħdin jingħataw anti-emetici oħra.

Ciprofloxaicin antibiotic 200mg/100ml- Hemm nuqqas globali għal dawn l-aħħar xhur. Infatti ddaħlet doza ġdida u jingħataw alternativi oħra.

Clindamycin antibiotic PO- Provizzjoni ristretta globali - Jingħata mill-POYC skont protokoll klinku u jinżamm ftit stokk fl-ispizeriji tal-isptarijiet għal każijiet li jinqalgħu.

Mycoril clotrimazole antifungal cream- Fl-aħħar gimgħa tas-Settembru.

Seduta 154
11/10/2023

**AĠENZIJA GĦAS-SERVIZZI - KORRETTIVI INĊIDENT VJOLENTI**

**11797. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk hux veru li kien hemm inċident vjolenti bl-idejn bejn Spettur Korrettiv Anzjan u Surġent Maġġur Korrettiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi? Jekk iva, x'passi ħadet l-Aġenzija?

04/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi li fl-aħħar ġimgħat kien hemm inċident bejn żewġ uffiċjali korrettivi, lima kienx fiżiku, u li konsegwenza tiegħu skattat proċess ta' dixxiplina mill-Aġenzija.

Seduta 154
11/10/2023

**AĠENZIJA GĦAS-SERVIZZI KORRETTIVI - ALLEGAZZJONIJIET TA' FRODI U MISAPPROPJAZZJONI TA' FLUS**

**11798. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk hux veru li hemm allegazzjonijiet ta' frodi u misappropjazzjoni ta' flus fuq wieħed mill-impjegati tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi fil-procurement? Jekk iva, x'passi ħadet l-Aġenzija?

04/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi li l-unit ta' procurement twaqqfet fl-aħħar żmien. Infurmat li ma kienx hemm dawn l-allegazjonijiet. Infurmat ukoll li f'kull istanza, jekk jinstab xi irregolarità f'kull taqsima, tittieħed azzjoni.

Seduta 154
11/10/2023

**AĠENZIJA GĦAS-SERVIZZI KORRETTIVI - FASTIDJU SESSWALI U/JEW INDIĊENTI**

**11799. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk hux veru li kien hemm rapport ta' fastidju sesswali u/jew indiċenti ta' fizzjal anzjan tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi fuq priġuniera femminili fil-Faċilità Korrettiva? Jista' jgħid x'passi ħadet l-Aġenzija dwar dan?

04/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi li ma ġiex riċevut rapport skont kif indikat.

Seduta 154
11/10/2023

**GAĠĠA ARMATA MAĊ-ĊELLA F'DIVIŻJONI 5**

**11800. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk ċella f'Diviżjoni 5 kellhiex forma ta' gaġġa armata maċ-ċella biex tiżola u tumilja priġunier, u li din tneħħiet qabel saret l-aħħar spezzjoni mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT)?

04/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fl-aħħar xhur u snin saru riformi u progress kontinwi mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, fejn minn post bla ebda forma ta' ordni jew rijabilitazzjoni, illum hemm aġenzija b'diversi ħaddiema u professjonisti, li jaħdmu kuljum għal ordni u rijabilitazzjoni. Dawn ir-riformi u bidliet ilu jsir xogħol fuqhom għal żmien twil, u kontinwament saru u qed isiru, għax hemm amministrazzjoni li temmen fihom, u mhux għal xi entità partikolari.

Seduta 154
11/10/2023

**WATER SERVICES CORPORATION – ĦADDIEMA NGAĠĠATI**

**11818. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm ħaddiema impjegati mill-Water Services Corporation, kemm fuq bażi full-time, kif ukoll fuq bażi part-time?

04/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għandha 1,038 impjegat full-time u 4 part-time. Assenjati mal-Korporazzjoni hemm ukoll 13-il apprentist.

Seduta 154
11/10/2023

**WATER SERVICES CORPORATION - ĦADDIEMA NGAĠĠATI**

**11819. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew ingaġġati ħaddiema mal-Water Services Corporation xahar b'xahar matul l-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u f'liema karigi, kemm fuq bażi full-time kif ukoll fuq bażi part-time?

04/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra, ninforma lill-Onor. Intepellant li bejn l-2022 u l-2023 kien hemm 110 ħaddiema f'karigi diversi li temmew l-impjieg tagħhom mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma minħabba raġunijiet varji.

Seduta 154
11/10/2023

**XEWKIJA - KAMPUS UNIVERSITARJU - PJAN BIEX JIŻDIEDU L-KORSIJIET**

**11834. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jikkonferma x'tip ta' investimenti hemm pjanati fuq il-Kampus Universitarju ġewwa x-Xewkija, Għawdex, u jekk hemmx pjan li jiżdiedu xi korsijiet? Jekk iva, liema korsijiet?

05/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija parlamentari lil Ministru kkonċernat.

Seduta 154
11/10/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – PASSI FIR-RIGWARD TA' ŻVILUPP F'TAL PIETÀ**

**11862. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10095 u ċjoè: B'referenza għall-każ tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, li joqgħod ġewwa tal-Pietà, fejn il-proprjetà tiegħu spiċċat fid-dlam minħabba żvilupp ieħor li sar maġenbu u li l-Qorti f'Diċembru li għadda qalet li l-permess għal dan l-iżvilupp ġie annullat u revokat, jista' l-Ministru jgħid x'passi ser tieħu l-Awtorità tal-Ippjanar biex dan l-iżvilupp li sar, u li huwa kontra l-liġi, jitneħħa?

05/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar diġà ħadet azzjoni fuq dan il-każ billi nħarġu l-avviżi ta' infurzar lis-sidien, wara li sar kuntatt magħhom.
Il-lista ta'Avviżi ta' infurzar huma dawn li ġejjin:
EC88/23 – (Maisonette) 'A Trois De Boltz', Triq Santa Monika, Pietà
EC89/23 - St Georges Court, Apt. 1, Triq Hookham Frere, Pietà
EC90/23 - St Georges Court, Apt. 2, Triq Hookham Frere, Pietà
EC91/23 - Apt. 3, Apt. 5 & Apt. 7 at St Georges Court, Triq Hookham Frere, Pietà
EC92/23 - Apt. 4, St Georges Court, Triq Hookham Frere, Pietà
EC93/23 - Apt. 6, St Georges Court, Triq Hookham Frere, Pietà
EC94/23 - St Georges Court (komun), Triq Hookham Frere, Pietà

Seduta 154
11/10/2023

**POLICY DWAR ŻVILUPPI HIGH-RISE**

**11863. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk teżistix policy biex l-iżviluppi high-rise jkunu mħarsa minn terremoti? Jekk le, hemm xi ħsieb li jkun hemm tali policy?

05/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dwar issues relatati ma' kwistjonijiet ta' attività sismika, pajjiżna qatt ma kellu leġiżlazzjoni u dejjem irrefera għall-EN 1998 Eurocode 8. Il-pjan hu li titfassal policy fiż-żmien li ġej.

Seduta 154
11/10/2023

**TA' ĠIORNI – COMMUNITY CLINIC**

**11864. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex waslu d-diskussjonijiet li qal li kellu mal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan dwar Community Clinic ġewwa Ta' Ġiorni jew fil-madwar? Jista jgħid ukoll meta ser tinfetaħ din il-Community Clinic?

05/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi nstab sit għall-klinika fil-komunità f'San Ġiljan viċin iċ-ċentru. Bħalissa qed isir il-proċess ta' bdil fl-użu mill-PA.

Seduta 154
11/10/2023

**ERA - RAPPORTI DWAR IRWEJJAĦ TA' TARMAK JEW QATRAN MINN IMPJANT**

**11865. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għal diversi rapporti minn residenti ġewwa l-Iklin, il-Għargħur, San Ġiljan u San Ġwann lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) dwar irwejjaħ ta' tarmak jew qatran minn impjant li jinsab fil-viċinanzi, jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu jew ser jittieħdu biex wieħed jassigura li dan l-impjant jimxi b'mod korrett u li titħares is-saħħa pubblika?

05/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 154
11/10/2023

**ERA - RAPPORTI DWAR IRWEJJAĦ TA' TARMAK JEW QATRAN MINN IMPJANT**

**11866. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għal diversi rapporti minn residenti ġewwa l-Iklin, il-Għargħur, San Ġiljan u San Ġwann lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Rizorsi (ERA) dwar irwejjaħ ta' tarmak jew qatran minn impjant li jinsab fil-viċinanzi, tista' l-Ministru tgħid x'passi ttieħdu jew ser jittieħdu biex wieħed jassigura li dan l-impjant jimxi b'mod korrett u li titħares is-saħħa pubblika?

05/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fuq kull ilment li tirċievi u sa fejn għandha kompitu, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) tinvestiga u tagħmel spezzjonijiet fuq l-operat sabiex tara li ma jkunx hemm emissjonijiet eċċessivi fl-arja. Fil-każ tal-impjant imsemmi, ninsab infurmata li l-ERA investigat u nstab li mil-lat ta' kwalità tal-arja ambjentali ma jidhirx li hemm emissjonijiet fl-akkwati li jaqbżu dawk regolati mil-liġi. Madankollu, dan ma jfissirx li mhux se joħorġu rwejjaħ waqt ċerti stadji tal-proċess. Meta l-ERA tirċievi rapporti relatati mas-saħħa, dawn ir-rapporti jiġu referuti lill-awtoritajiet konċernati għall-investigazzjoni tagħhom.

Seduta 154
11/10/2023

**PROJECT GREEN – NUMRU TA' PERMESS TA' PROĠETT**

**11867. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-proġett li l-Ministru ħabbret li ser isir minn Project Green nhar is-27 ta' Settembru, tista' tipprovdi l-PA number tal-applikazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar?

05/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru relatat mal-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar tal-ewwel fażi tal-proġett li ħabbart li ser isir minn Project Green nhar is-27 ta' Settembru huwa TRK/00277228. Nispjega li dan il-proġett qed ikun ippjanat biex isir f'fażijiet sabiex jiġi mitigat kemm jista' jkun l-inkonvenjent għar-residenti u l-komunità kummerċjali tal-madwar u kull min jgħaddi mill-inħawi. Għaldaqstant, l-ewwel fażi se tkun qed tiffoka fuq l-iskavar u l-iżvilupp ta' parkeġġ ta' 3 sulari taħt l-art li se jkun qed jara żieda sostanzjali fil-parkeġġ f'Misraħ Lewża. Fuq dan il-parkeġġ imbagħad se jkun hemm ġnien pubbliku li jagħmel parti integrali mill-proġett ta' San Ġwann.

Seduta 154
11/10/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR, TRIQ IX-XAGĦRA TAL-BANDIERI - XOGĦLIJIET**

**11904. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinforma meta hu mistenni li jitlesta x-xogħol li qed isir mill-Korporazzjoni għas-Servizz tal-Ilma (WSC) fi Triq ix-Xagħra tal-Bandieri, San Pawl il-Baħar?

05/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurnata li x-xogħol fit-triq indikata huwa ppjanat li jitlesta fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru.

Seduta 154
11/10/2023

**SKEMA 19 – APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-FIDI TA' ĊNUS**

**11905. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm daħlu applikazzjonijiet għall-fidi ta' ċnus skont SKEMA 19? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew proċessati u kemm hemm minnhom li għadhom qed jiġu proċessati u x'qed iżomm milli l-każijiet pendenti jitlestew?

05/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 154
11/10/2023

**QTIL TAL-MAJJAL, ĊANGA U ANNIMALI OĦRA FIL-BIĊĊERIJA TAL-GVERN U/JEW PRIVATI**

**11906. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm kienet il-qatla tal-majjal, ċanga u annimali oħra fil-biċċerija tal-Gvern, bejn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, xahar b'xahar? Jista' jagħti tagħrif ukoll dwar jekk hemmx biċċeriji tal-privat awtorizzati biex jagħmlu l-qatla?

05/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qed tingabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 154
11/10/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – FTUĦ TA' BERĠA**

**11907. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10244 dwar il-ftuħ tal-Berġa f'San Pawl il-Baħar u jgħid jekk id-dokumenti tas-sejħa tal-kiri ta' sit fil-lokal li kellhom jiġu ppubblikati ġewx attwalment ippubblikati? Jekk iva, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn id-dokumenti? Jekk le, meta hu maħsub li tiġi ppubblikata din is-sejħa?

05/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s-sejħa għall-offerti għall-kiri ta' sit għall-Klinika fil-Komunità ta' San Pawl il-Baħar / Burmarrad / Xemxija ġiet ippubblikata diġa darbtejn u fiż-żewġ istanti ma ntefet l-ebda offerta. Is-sejħa għall-offerti ser tiġi ppubblikata għat-tielet darba nhar it-Tlieta, 19 ta' Ottubru 2023.

Seduta 154
11/10/2023

**QAWRA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**11908. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10245, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk ġewx konklużi t-Traffic Impact Assessment u l-Environmental Impact Assessment msemmija fit-tweġiba għall-istess mistoqsija? Jekk iva, jista' d-Deputat Prim Ministru jqiegħed kopja ta' dawn id-dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra? Jekk le, meta hu mistenni li dawn jiġu konklużi?

05/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Traffic Impact Assessment sar. Ġew mitluba informazzjoni u studji addizzjonali li għadhom kemm bdew minħabba li kien rikjest li l-iskola tkun bdiet biex ikunu jafu noise u pollution level.

Seduta 154
11/10/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TNEĦĦIJA TA' BAGI PERMEZZ TA' MARINERS' NOTICE**

**11958. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li permezz ta' mariners' notice ħarġet ordni biex jitneħħew il-bagi li kien hemm qrib il-pitch tal-Waterpolo tas-Sirens, f'San Pawl il-Baħar, kif ukoll qed jiġu avżati ħinijiet li fihom għandu jkun hemm il-moll tal-Fekruna bla ebda użu mid-dgħajjes privati?

06/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minħabba xogħlijiet li qegħdin isiru attwalment u peress li eventwalment il-'breakwater' il-qadim ta' Buġibba ser jitwaqqa' sabiex jinbidel b'ieħor ġdid ftit il-barra minnu, l-operat tad-dgħajjes kummerċjali li jsorġu u jaħdmu minn fuq il-'breakwater' se jiġi trasferit għal fuq il-moll pubbliku biswit il-Pixxina tas-Sirens.
Għaldaqstant, trid tinħoloq 'fairway' biex dawk id-dgħajjes kummerċjali ta' ċertu daqs ikunu jistgħu jersqu mal-istess moll b'mod sigur. Il-bagi li hemm fiż-żona indikata għall-'fairway' se jitneħħew temporanjament fl-interess tas-sigurtà tan-navigazzjoni.
Fir-rigward tal-moll tal-Fekruna, dan ukoll se jintuża minn dawn l-istess dgħajjes kummerċjali kemm fl-operat kif ukoll sabiex jingħataw servizzi relatati mal-operat.
Dan se jsir fil-ħinijiet stipulati hekk kif maħruġa fin-Notice to Mariners 85 tas-sena 2023.

Seduta 154
11/10/2023